MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1308/2003/1

**Mark Gauci**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Jannar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont da likwidarsi li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) ghad-danni minnu kkagunati lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE-073 propjeta` ta' l-attur, inkluz prezz ta' survey u ammont dovut bhala telf ta' uzu tal-vettura;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Lulju, 2003, fejn intqal illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici peress illi huwa bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghal xi danni li seta' sofra l-attur u dana inter alia peress illi waqt il-hin ta' l-allegat incident il-konvenut kien safa aggredit, imsawwat u ferut mill-attur, huh u shab l-attur u kien fin-necessita attwali u mmedjata li jirrikorri ghall-ghajnuna sia medika u polizjeska ;
Salvi eccezzjonijiet ohra.
Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-decizjoni preliminari tat-2 ta' Dicembru, 2003 li biha cahad it-talba tal-konvenut sabiex it-Tribunal jissoprasjedi.

Sema' x-xhieda ta' Mark Gauci, Noel Gauci, John Callus, Dolores Camilleri u Joe Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. L-attur qieghed ifittex ghal danni kkagunati fuq il-vettura tieghu mill-konvenut. Il-konvenut qieghed ighid li mhux responsabbli peress li fl-allegat hin ta' l-incident kien aggredit mill-attur u shabu u kien f'necessita' mmedjata li jirrikorri ghall-ghajnuna.
2. Mark Gauci l-attur xehed illi kien waqaf ikellem lill-konvenut meta dana allegatament aggredieh. L-attur ighid li ddefenda ruhu u meta kellhom xi jghidu kienu fil-vann tal-konvenut. Skond l-attur meta hu kien beda sejjer lejn il-vettura tieghu l-konvenut saq ghal fuqu, l-attur skapulah u l-konvenut habat fil-vettura ta' l-attur.
3. Id-danni li sofra l-attur fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAE 073 huma dawk murija fir-ritratti Dok A 2 u A3 esebiti.
4. Noel Gauci hu Mark Gauci kien mar fuq il-post u ra l-vettura ta' l-attur bid-daqqa msemmija. Skond l-istess xhud kien infurmat mill-attur illi l-konvenut waddabblu mqass tas-sigar li laqat il-vettura. Qal ukoll illi fuq il-vann tal-konvenut ra brix.

5. Il-konvenut Joseph Camilleri jghid li fit-2 ta' Lulju, 2001 kien kellem lil missier Mark Gauci biex iwissi lill-uliedu biex ma jaghmlux hsara fil-proprjeta' tieghu, dana minhabba xi kwistjoni dwar proprjeta' kontigwa li ghandhom il-partijiet. Il-konvenut ighid illi meta mar id-dar wara nofs inhar, sab lil Mark Gauci fit-triq u dan allegatament fetahlu l-bieba tax-xellug tat-truck u beda jaghtih filwaqt illi wahhallu spanner taht ghonqu. Sussegwentement gie allegatt li mar Emanuel Gauci hu Mark Gauci illi kaxkar lill-konvenut ghal nofs it-triq. Il-konvenut ighid li l-attur ghalaqlu t-triq bil-karozza u l-konvenut meta mar biex jikser l-steering hass wega' kbira fi spaltu u dahal fil-karozza ta' l-attur.
6. Skond certifikat mediku esebit Dok X il-konvenut kellu *«dislocated shoulder».* Dana rrizulta wkoll mid-dokument JC 1 esebit li hu certifikat ta' l-isptar.
7. Mart il-konvenut Dolores Camilleri tghid li rat l-incident jigri u tghid li rat lil zewgha jsuq u jahbat fl-Escort li kienet ipparkjata tibblokka parti mit-triq.
8. Il-punt li ried ghalhekk jigi determinat huwa jekk il-konvenut fic-cirkostanzi setghax jigi ritenut responsabbli ghad-danni li gew kawzati.
9. Biex wiehed ikun responsabbli ghal danni jehtieg illi jkun hemm jew att illegali jew inkella negligenza. Mill-provi mismugha t-Tribunal hu sodisfatt illi l-konvenut definittivament kien imwegga', u b'mod sew. Dak li kellu l-konvenut kien jimpedieh milli jimmanuvra l-karozza u kien ghalhekk li hass il-wega' fi spaltu meta mar jikser l-steering. It-Tribunal hu sodisfatt illi l-konvenut ma jistax jinghad illi kien negligenti fis-sewqan, ghax jekk dan kien qieghed tassew jipprova jitlaq minn post fejn inqala l-inkwiet, kien hemm responsabilita' antecedenti ta' l-attur li bil-vettura tieghu kien qed jibblokka l-istess triq. Ma jistax issa l-attur jirreklama danni gialadarba l-konvenut ma kellu ebda htija fil-ligi ghall-incident li sehh u gialadarba l-istess attur halla l-vettura tieghu b'mod li l-incident difficli li seta' jigi evitat. Ghalhekk it-talbiet attrici m'ghandhomx jigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-istess attur, filwaqt illi l-

ispejjez tad-decizjoni preliminari tat-2 ta' Dicembru, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

Fl-appell tieghu kontra din is-sentenza l-attur jissottometti li hu hassu aggravat ghal dawn il-motivi:-

1. Il-versjoni tal-fatti ta' dak li ssuccieda fl-incident bejn il-kontendenti hi nieqsa mill-kredibilita` u kellha tigi eskluza;

2. Bl-impostazzjoni li hadet il-kawza wara li t-Tribunal ammetta l-prova dwar il-glieda, it-Tribunal mar ben oltre dak li kellu jiddetermina bil-konsegwenza li ddecieda fatti li ma kellux il-kompetenza u l-awtorita` li jiddetermina. Huwa ghalhekk jakkuza lit-Tribunal li vvjolalu d-dritt nautrali "*audi alteram partem*" talli dan ma tahx l-opportunita` li jgib provi fuq il-glieda. B' hekk gie, dejjem skond l-appellanti, li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-principju ta' fatt u ta' dritt u lilu arrekalu pregudizzju;

L-appellanti ghadda finalment biex jirrileva illi l-prospett tieghu dwar il-kwantum tad-danni kien korrett u reali u ghandu jigi accettat;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tibda biex tinvesti t-tieni aggravju in kwantu dan jikkontjeni elementi ta' indoli procedurali u dawn, di regola, jiehdu precedenza fuq l-aspetti sostanzjali tal-vertenza;

L-appellant jilmenta li t-Tribunal kellu jirrestringi ruhu ghall-ezami tal-kwestjoni ko-involgenti l-hsara fuq il-vettura tieghu u mhux jinoltra ruhu fl-investigazzjoni tal-glieda li l-effetti taghha kienu jifformaw il-parametri ta' kawza ohra inizjata mill-appellat u li, inoltre, l-istess Tribunal kien diga` ppronunzja ruhu b' sentenza preliminari (2 ta' Dicembru 2003, fol. 23) li ma kienx behsiebu jintrometti ruhu dwarha. Fuq dan il-punt irid jinghad li dan ma huwiex ghal kollox preciz. F' dik is-

sentenza t-Tribunal kien irraguna illi fil-kaz odjern dak li ghandu jigi ndagat huwa r-responsabilita` o meno tal-konvenut ghad-danni li garrab l-attur fil-vettura. Huwa sintomatiku illi f' indagini bhal din, dment li l-htija mhix konfessata, l-ezercizzju li ried jaghmel it-Tribunal kien jimporta li hu jaghti attenzjoni lid-difiza tal-konvenut li jkun qed jikkontesta r-responsabilita`. Fir-ricerka formativa ma kienx hemm sempliciment il-fatt principali tal-hsara *ut sic* fuq il-vettura ta' l-appellant imma wkoll dawk il-fatti l-ohra konkomitanti u anke sekondarji in kwantu dawn ukoll, jekk provati, setghu jincidu u jghinu l-verifika tal-fatt principali, anke permezz ta' inferenzi prezuntivi;

Ghal fini ta' l-accertament tar-responsabilita` kif inhu l-kaz hawnhekk, il-valutazzjoni tal-provi skond l-ordinament procedurali taghna hu bazat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Gjaladarba hu principju li l-prova tista' ssir b' kull mezz maghruf mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Artikolu 1232 (1), Kodici Civili], basta li din tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza (Artikolu 558, Kapitolu 12), ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja tal-provi. Dan ifisser illi anke provi b' kontenut indizzjarju huwa valutabbli mill-gudikant bhala bazi ghal konvinciment tieghu. Ghall-ezattezza jikkonsegwi illi l-valutazzjoni tal-materjal probatorju in tema ta' responsabilita` mhux limitat ghall-ezami izolat ta' l-elementi singoli imma ghandu jkun wiehed globali, fil-kwadru ta' investigazzjoni unitarja u organika fejn, jekk hielsa minn vizzji fil-motivazzjoni, tikkostitwixxi apprezzament ta' fatt, ordinarjament incensurabbli f' din is-sede;

It-tieni aspett ko-involt fl-istess aggravju jirrigwarda r-rilevanza tal-prova ammessa mit-Tribunal. Anke hawn l-appellanti jillanja li l-prova dwar il-glieda ma kellhiex tigi akkonsentita;

Fuq dan il-punt jigi osservat qabel xejn illi hi gurisprudenza ormai pacifika u kostanti li f' materja ta'

rilevanza jew superfluwita` Qorti tat-tieni grad ma tindahalx fid-diskrezzjoni tal-qorti jew tat-tribunal ta' l-ewwel grad f' dak li jirrigwarda r-regolament tal-provi jekk mhux ghal motivi gravi (**Kollez. Vol. XXXVIII P I p 230**). Ghal precizazzjoni, jinsab ritenut illi "*il giudizio emesso dal tribunale di prima istanza circa la rilevanza o meno delle prove sottomesse a sostegno delle domande o delle eccezioni è di regola, meno in casi eccezionali, incensurabile in Appello rientrando esso nei poteri discrezionali accordato a ciascun tribunale.*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 344**);

Minn dan jinsorgi illi jekk ir-rilevanza tal-prova ammessa kienet tikkoncerna n-ness bejn il-fatti li riedu jigu pprovati u r-rikonoxximent tal-fondatezza tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, il-Qorti ta' revizjoni generalment ma tindahalx u ma tiddisturbax l-ammissibilita` taghha. Bhal kull gudikant iehor, il-gudikatur ghandu l-poter istruttorju li jippermetti l-produzzjoni ta' provi li hu jidhirlu rilevanti ghall-fattispeci u li jitqiesu minnu ta' sustanza ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu u tac-certezza morali tal-verita` tal-fatti. Tant dan hu hekk li sahansitra ghall-ksib ta' din il-verita` ma huwiex marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova izda jista' jitgharraf b' kull mod li jidhirlu xieraq [Artikolu 9 (2), Kapitolu 380];

Aspett iehor ventilat mill-appellanti hi l-akkuza tieghu di fronte ghat-Tribunal ta' ultra jew extra petizzjoni. Dan jirrikorri fejn gudikant jippronuncja ruhu 'l hinn mil-limiti tal-pretensjoni jew ta' l-eccezzjoni fuq kwestjonijiet estraneji ghall-oggett tal-gudizzju. L-appellant jaghmel dan jikkonsisti fil-fatt li t-Tribunal inoltra ruhu fl-indagini tal-glieda bejn il-kontendenti. Ma' dan din il-Qorti ma taqbelx. Dan ghaliex l-incident involut f' dik il-glieda kien fatt importanti li kellu jitqies bhala kawza efficjenti u produttiv ta' effett guridiku determinat tal-gudizzju u fil-kumpless tal-kwadru shih tal-provi u ta' dawk l-elementi varji, processwalment akkwiziti, ghad-determinazzjoni tal-htija. Kif taraha din il-Qorti, anke l-prova dwar il-glieda kienet

objettivament taqa’ fil-limiti tar-ricerka u ta’ l-accertament tar-responsabilita`;

L-appellanti jilmenta wkoll illi l-ammissjoni ta’ prova bhal din gabet maghha ghalih lezjoni tad-dritt “*audi alteram partem*”. Dan ma jidherx li hu hekk il-kaz. Ghallanqas ma jirrizultax minn xi verbal in atti illi l-appellant ressaq talba biex jirribatti l-prova tal-konvenut u din giet michuda lilu. L-invers hu pjuttost il-kaz. Skond il-verbal ta’ l-14 ta’ Dicembru 2004 t-Tribunal, wara li ammetta l-provi prodotti mill-konvenut, kien irrizerva lill-appellanti il-fakulta li jirribatti dak li xehed fuqu l-appellat. L-appellanti, ghar-ragunijiet li jafhom hu biss, naqas li jipprevalixxi ruhu minn din l-istess fakolta. Mhux hekk biss. Nonostante li gie rizervat lilu kontro-ezami ulterjuri tal-konvenut u tax-xhieda l-ohra tieghu ma kompliex, imbaghad, b’ xi seduta sussegwenti jissokta b’ dan il-kontro-ezami u minflok f’ dik l-istess udjenza ta’ l-14 ta’ Dicembru 2004, ghadda ghat-trattazzjoni finali. Quddiem qaghda bhal din ma jistax hlief ilum lilu nnifsu. Anke allura dan il-punt inserit minnu fl-aggravju tieghu ma jimmerita ebda akkoljiment;

Fuq l-ewwel aggravju jibda biex jigi premess illi meta tribunal ikun rinfaccjat b’ zewg versjonijiet konfliggenti biex jara jekk il-wahda teskludix lill-ohra huwa jadopera s-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, kif ritenut fid-decizjoni a **Vol. L P II p 440**, huwa generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant;

Il-Qorti irriezaminat kemm il-provi processwali kif ukoll il-motivazzjoni tat-Tribunal u ma tarax ghaliex ghandha twarrab il-gudizzju ta’ l-attendibilita` u tal-verosimiljanza maghmula mit-Tribunal. F’ dan il-Qorti ma tistriehx fuq l-awtorita` taghha biss imma ssib elementi ta’ konfort mir-rizultanzi tal-provi testimonjali u dokumentali fuq il-mertu, il-fonti ta’ prova ad eskluzjoni ta’ ohra u l-kredibilita` ta’ xhud invece ta’ iehor. In kwantu idoneji ghall-formazzjoni

tal-konviciment, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiskarta r-ragonament tat-Tribunal meta, fl-assjem, dan ma tarahx li jiddifetta fil-motivazzjoni;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal, bl-ispejjez jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------